

Brussell, 30 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9728/17

RECH 210
COMPET 452

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9267/17 RECH 169 COMPET 386	
Suġġett:	Razzjonalizzazzjoni tal-ambjent tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riċerka u l-innovazzjoni - konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-30 ta' Mejju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-"Razzjonalizzazzjoni tal-ambjent tal-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riċerka u l-innovazzjoni", kif adottati mill-Kunsill fit-3544 laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Mejju 2017.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-
RAZZJONALIZZAZZJONI TAL-AMBJENT TAL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR
TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka¹, li jappellaw lill-Kummissjoni u lill-gruppi relatati maż-ŻER biex jidentifikaw oqsma fejn il-monitoraġġ u l-piżijiet amministrattivi tar-rapportar jistgħu jonqsu permezz ta' aktar razzjonalizzazzjoni;
 - fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar "Regolamentazzjoni aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività"² li fihom il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar - Aġenda tal-UE" tad-19 ta' Mejju 2015³, u b'mod partikolari l-linji gwida dwar il-monitoraġġ, li jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar⁴,
1. JINNOTA li l-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tar-R&I, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-impatt ta' politiki huma elementi intrinziċi ta' tfassil ta' politika sod, ibbażat fuq l-evidenza u effettiv fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE.
 2. JILQA' l-Opinjoni adottata mill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER) dwar l-Integrazzjoni tal-ambjent tal-monitoraġġ u r-rapportar tar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁵ u JAPPELLA GĦALL-implimentazzjoni tagħha mill-aktar fis possibbli.

¹ 14875/15.

² 9580/16.

³ 9079/15.

⁴ 9079/15 ADD 2.

⁵ KŻER 1202/17.

3. JINNOTA li l-Kummissjoni tħejji u tippubblika b'mod regolari rapporti ta' kwalità għolja dwar aspetti differenti tal-prestazzjoni u l-politiki tar-R&I kif identifikati fl-Opinjoni tal-KŻER⁶, bl-għan li tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.
4. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tinġabar b'mod regolari informazzjoni kwalitattiva u data kwantitattiva biex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-prestazzjoni u l-politiki tar-R&I fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali fejn xieraq, biex ikun hemm bażi ta' evidenza soda għal deċiżjonijiet ta' politika u biex jitħeġġu sistemi tar-R&I effettivi u effiċjenti.
5. JENFASIZZA li huwa kruċjali li jitnaqqas il-piż amministrattiv sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq il-pajjiżi assoċjati mal-inizjattiva Orizzont 2020, permezz ta' razzjonalizzazzjoni. Din ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi tal-monitoraġġ u r-rappurtar għandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-effikaċja, il-proporzjonalità u l-impatt, sabiex tiġi massimizzata l-utilità tar-riżultati għall-monitoraġġ u jiġi ffaċilitat aktar tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet tal-ambjent tal-politika R&I nazzjonali.
6. JENFASIZZA li huma meħtieġa aktar sforzi wkoll biex tiġi sfruttata u kondiviża l-informazzjoni u d-data ġġenerata u biex din tingħata lura lill-Istati Membri b'mod li jkun adattat għal tfassil, implimentazzjoni u evalwazzjoni aħjar tal-politiki.
7. JIRRIKONOXXI l-ħidma li diġà wettqet il-Kummissjoni bħala parti mill-isforzi tagħha biex tiżgura Regolamentazzjoni Aħjar b'mod ġenerali kif ukoll l-isforzi ta' razzjonalizzazzjoni speċifiċi fil-qasam tar-R&I, bħalma huma l-kooperazzjoni mill-qrib u l-isfruttament tas-sinerġiji mal-OECD meta applikabbli, inkluż permezz tat-tnedija ta' sħarriġ internazzjonali konġunt dwar politiki tax-Xjenza, t-Teknoloġija, l-Innovazzjoni (STI) (biex b'hekk jissostitwixxi sħarriġiet simili mwettqa permezz tal-KŻER), l-eliminazzjoni ta' dawk li kienu "profili tal-pajjiżi tar-R&I" u s-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' infografika speċifika, u t-taqsir u l-iffukar tar-rapporti tal-pajjiżi "RIO".

⁶ bħat-[Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea](#), ir-[Rapport dwar il-Prestazzjoni tal-UE fix-Xjenza, fir-Riċerka u fl-Innovazzjoni](#), it-[Tabella ta' Valutazzjoni tar-R&Ż Industrijali, iċ-ċifri SHE](#), ir-[Rapporti tal-Pajjiżi RIO](#), ir-[Rapport ta' Progress taż-ŻER](#) u r-[rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I](#).

8. JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni li l-KŻER u l-gruppi relatati maż-ŻER jaqdu fl-implimentazzjoni taż-ŻER. JENFASIZZA l-importanza li l-Kummissjoni tkompli tiżviluppa djalogu regolari mal-KŻER dwar kwistjonijiet ta' monitoraġġ u rapportar.
9. JAQBEL mal-approċċ meħud mill-KŻER fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-razzjonalizzazzjoni li:
- d-duplikazzjoni tat-talbiet lill-Istati Membri għall-informazzjoni għal skopijiet differenti għandha tiġi evitata, fi ħdan il-loġika tal-“prinċipju ta' darba biss”;
 - għandhom jiġu pprovduti skedi ta' żmien ċari u adegwati għall-forniment u r-rieżami tal-informazzjoni;
 - il-frekwenza tar-rappurtar għandha tkun b'tali mod li tibbilanċja l-piż amministrattiv mal-produzzjoni ta' data u analiżi konsistenti u ta' kwalità;
 - l-utilità u l-impatt tar-rapporti tar-R&I għat-tfassil tal-politika huwa kriterju ewlieni għar-razzjonalizzazzjoni; f'dak il-kuntest, huwa importanti li ssir kuntestwalizzazzjoni adegwata tad-data użata;
 - l-involviment ta' komunità aktar wiesa' ta' partijiet ikkonċernati biex titqajjem kuxjenza fost is-soċjetà jista' jimmassimizza l-valur tar-rappurtar u l-użu tad-data li tirriżulta.
10. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex:
- tevita d-duplikazzjoni ta' talbiet għal informazzjoni u ta' kontrolli ta' informazzjoni mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati ma' Orizzont 2020 permezz tal-isfruttament sħiħ tad-data u l-informazzjoni disponibbli fi ħdan il-Kummissjoni, fil-bażijiet ta' data uffiċjali tal-Eurostat u, fejn rilevanti, l-OECD jew repożitorji oħra, inkluż għall-istudji kkuntrattati; tiddependi sal-aktar punt possibbli fuq l-istħarriġ konġunt tal-KE-OECD biex tiġbor informazzjoni u tikkunsidra li ttipprovdi progressivament informazzjoni dwar l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont 2020 permezz ta' punt uniku ta' aċċess;
 - tevalwa l-iskop, il-kontenut, il-kwalità, il-format u l-identità ta' rapporti eżistenti sabiex tirrevedi l-istrateġija tar-rappurtar tagħha;

- tinforma lill-Istati Membri biżżejjed bil-quddiem dwar talbiet ta' rappurtar ippjanati, inkluż, fejn xieraq, dawk li ser ikunu parti mill-istudji kummissjonati tal-UE fil-qasam tar-R&I, preferibbilment fil-forma ta' kalendarju li għandu jiġi ppreżentat lill-Istati Membri fil-bidu tas-sena, mill-2018; biex trawwem u żżomm djalogu miftuħ mal-Istati Membri u żżommhom infurmati dwar kwalunkwe miżuri ġodda ppjanati ta' razzjonalizzazzjoni li jimmiraw li jnaqqsu l-piż tar-rappurtar u l-monitoraġġ fuqhom;
- tiegħu kont, kif xieraq, tal-kontribut u l-kummenti mogħtija mill-Istati Membri dwar ir-rapporti rilevanti qabel il-finalizzazzjoni tagħhom, b'mod partikolari tagħrif kurrenti tal-pajjiżi u d-data relatata tar-rapport ta' progress taż-ŻER u r-rapporti tal-pajjiżi RIO;
- tissinkronizza l-frekwenza tad-diversi rapporti fiċ-ċiklu ta' politika peress li dan ser jirrikjedi inqas kontrolli u validazzjoni mill-Istati Membri, pereżempju billi l-frekwenza tar-rapporti tal-pajjiżi RIO tiġi konnessa ma' dawk tal-istħarriġ konġunt tal-KE-OECD dwar il-politiki tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, u r-Rapport ta' Progress taż-ŻER, billi dawn jiġu allinjati ma' ċiklu ta' politika aktar effettiv ta' sentejn u b'hekk jikkontribwixxu għal żieda fil-kwalità tar-Rapporti tal-Pajjiżi RIO;
- tiżviluppa metodi ġodda ta' tnaqqis tal-piż tar-rappurtar u ttejjeb l-impatt ta' rapporti bħal: għodod elettroniċi; komunikazzjoni u tixrid aktar proattivi rigward ir-rapporti, sabiex tkun żgurata adożzjoni aħjar tal-analiżijiet mill-utenti finali u fehim aħjar tal-metodoloġija użata sabiex tinforma lil min ifassal il-politiki.

11. JAPPELLA lill-Istati Membri biex:

- jikkoordinaw aħjar fil-livell xieraq, anke bejn il-Ministeri responsabbli u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni u d-data meħtieġa jiġu pprovduti fil-ħin u b'mod preċiż, bl-użu ta' informazzjoni aġġornata u konsistenti fl-oqsma kollha;
- jiżguraw rappurtar regolari ta' informazzjoni disponibbli, ta' kwalità għolja, affidabbli u suffiċjenti dwar l-iżviluppi fir-R&I, skont l-ippjanar annwali;
- jgħinu biex iqawwu l-impatt tar-rapporti billi jorbtu magħhom ir-rilevanza u l-viżibbiltà politika xierqa permezz ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fil-livell nazzjonali u billi jinvolvu, fejn xieraq, lill-komunità usa' ta' partijiet ikkonċernati sabiex jittejjbu l-implimentazzjoni u l-adożzjoni ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lil diversi partijiet interessati fil-qasam tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni.

12. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex

- jiżguraw livell adegwat ta' kuntestwalizzazzjoni tal-informazzjoni fir-rapporti, inkluż, fejn rilevanti, permezz tal-inklużjoni ta' interpretazzjonijiet kwalitattivi, flimkien ma' data kwantitattiva, sabiex jiżguraw livell għoli ta' kwalità u rapporti rilevanti li jippermettu segwitu aħjar tal-analiżi mill-utenti finali u sabiex l-azzjoni politika titfassal aħjar, permezz ta' skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-qafas taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (KŻER);
- jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-għbir ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-politika tar-R&I, l-għoti fil-ħin u l-kwalità tad-data u l-analiżijiet, u l-indirizzar tal-isfidi tar-rappurtar bħall-kost u l-effiċjenza tar-Riżorsi Umani;
- jikkoordinaw b'mod adatt kull talba mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-gruppi relatati maż-ŻER u gruppi oħra fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun ta' rilevanza, ma tkunx diġà disponibbli ħalli tiġi evitata d-duplikazzjoni; jeżaminaw modi biex jiżguraw l-ippjanar meħtieġ u f'waqtu tat-talbiet kollha fiċ-ċiklu fiss tar-rappurtar;
- jiksbu bilanċ effettiv bejn il-valur tar-rappurtar, l-implimentazzjoni tiegħu u kull segwitu meħtieġ.
